



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.3.2016  
COM(2016) 129 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL  
U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**dwar l-attivitajiet tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u  
kummerċjali**

## 1. Introduzzjoni: Il-bini ta' pontijiet bejn is-sistemi ġudizzjarji

Il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet il-ħolqien ta' żona ta' ġustizzja u drittijiet fundamentali bbażata fuq il-fiduċja reċiproka bħala waħda mill-ġhaxar prijoritajiet politiċi ewlenin tagħha. Biex jintlaħaq dan l-oġġettiv, il-Kummissjoni hija determinata li ssaħħaħ l-ġhodod komuni li jikkontribwixxu lejn il-bini ta' pontijiet bejn is-sistemi ġudizzjarji differenti tal-Istati Membri u b'hekk toħloq fiduċja reċiproka<sup>1</sup>. Kemm permezz tal-għan, kif ukoll permezz tal-istruttura tiegħu, in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali ("in-Netwerk") huwa preċiżament tali ġhodda.

In-netwerk beda jopera fl-1 ta' Diċembru 2002. Huwa ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE ("id-Deċiżjoni") tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali<sup>2</sup> biex itejjeb, jissimplifika u jħaffef kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva bejn l-Istati Membri f'materji ċivili u kummerċjali. Fl-2009, id-Deċiżjoni 568/2009/KE, immodernizzat il-qafas legali tan-Netwerk u estendiet il-kompiti, l-attivitajiet u l-istruttura ta' sħubija tiegħu abbażi tal-ewwel rapport tal-2006<sup>3</sup>. Issa, wara ħafna snin ta' operazzjoni ulterjuri u fid-dawl tar-responsabbiltajiet addizzjonali li jirriżultaw minn strumenti leġislattivi riċenti tal-Unjoni f'materji ċivili u kummerċjali, huwa mument opportun biex jirrapporta dwar l-operat tan-Netwerk, kif previst fl-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni.

Il-kompiti prinċipali tan-Netwerk huma<sup>4</sup>:

- il-kuntatti diretti u t-trattament tal-każijiet bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali tan-Netwerk;
- l-iffaċilitar tal-aċċess transfruntier għall-ġustizzja permezz ta' informazzjoni mogħtija lill-pubbliku u lill-professjonisti permezz ta' skedi informattivi u pubblikazzjonijiet oħra disponibbli fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika bil-lingwi kollha tal-Unjoni;
- l-evalwazzjoni u l-iskambju ta' esperjenzi dwar l-operazzjoni ta' liġi tal-Unjoni speċifika f'materji ċivili u kummerċjali.

Filwaqt li tibni fuq il-kisbiet tagħha s'issa, il-Kummissjoni għandha l-għan li tkompli ttejjeb ir-rwol u l-funzjonament tan-Netwerk<sup>5</sup>. Kif imsemmi fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2014 fuq l-Aġenda tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020<sup>6</sup>, mekkaniżmi eżistenti bħan-Netwerk "*għandhom jiġu msaħħa u l-potenzjal tagħhom sfruttat bis-sħiħ, inkluż online.*" Dan l-oġġettiv kien immexxi 'l quddime mil-linji gwida strateġiċi tal-Kunsill Ewropew tas-26/27 ta' Ġunju 2014 għall-ippjanar leġislattiv u operazzjonali għas-snin li ġejjin fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, li jirreferi għal "*il-prijorità ġenerali issa [...] li l-istrumenti legali u l-miżuri ta' politika fis-seħħ jiġu trasposti b'mod konsistenti, jiġu implimentati b'mod effettiv u jiġu kkonsolidati.*"<sup>7</sup>

<sup>1</sup> Bidu ġdid għall-Ewropa: L-Aġenda tiegħi għall-Impjiegi, it-Tkabir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku. Linji gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss, Jean-Claude Juncker, Strasburg, 15.7.2014, Kapitolu 7.

<sup>2</sup> ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25

<sup>3</sup> COM(2006)203 finali, 16.5.2006.

<sup>4</sup> L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni

<sup>5</sup> It-titoli I, II u III tad-Deċiżjoni

<sup>6</sup> COM(2014) 144 finali, 11.3.2014, il-punt 4.1(v)

<sup>7</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (26/27.6.2014), il-punt 3

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq is-sejbiet ta' studju kkummissjonat mill-Kummissjoni fl-2014 dwar l-attivitajiet tan-Netzwerk ("l-istudju") li jista' jkun ikkonsultat onlajn<sup>8</sup> u li jinkludi dejta dwar l-operat tiegħu. F'dan il-kuntest, saret konsultazzjoni estensiva tal-membri tan-Netzwerk, inkluża konsultazzjoni onlajn permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

## **2. L-ISTRUTTURA U L-OPERAT TAN-NETWERK**

### **2.1 Il-membri tan-Netzwerk: lejn interazzjoni aktar b'saħħitha**

L-istruttura tal-membri tan-Netzwerk evolviet matul dawn l-aħħar snin, l-aktar minħabba l-integrazzjoni ta' assoċjazzjonijiet ta' professjonisti legali u l-adozzjoni ta' liġi ġdida tal-Unjoni. In-Netzwerk huwa magħmul minn 505 membri<sup>9</sup> skont il-kategoriji li ġejjin:

- il-punti tal-kuntatt innominati mill-Istati Membri (139 membri);
- awtoritajiet ċentrali, maħtura skont l-istrumenti speċifiċi tal-Unjoni<sup>10</sup> u ftehimiet internazzjonali (124 membru);
- maġistrati ta' kollegament (6 membri);
- awtoritajiet xierqa oħra ġudizzjarji jew amministrattivi b'responsabbiltajiet għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali (166 membru);
- assoċjazzjonijiet professjonali li jirrappreżentaw il-professjonisti legali li huma direttament involuti fl-applikazzjoni ta' strumenti f'materji ċivili u kummerċjali (70 membru).

L-istudju wera li l-interazzjoni bejn il-membri kollha tan-Netzwerk tista' titjeb aktar billi hija importanti għall-funzjonament effiċjenti tan-Netzwerk biex tiġi żgurata kooperazzjoni operazzjonali ġudizzjarja sħiħa, minkejja l-passi meħuda permezz ta' inizjattivi eżistenti<sup>11</sup>. L-attivitajiet ta' koordinazzjoni tan-Netzwerk Nazzjonali bħal laqgħat tal-membri nazzjonali tan-Netzwerk jistgħu wkoll jikkontribwixxi biex jintlaħaq dan l-oġġettiv. Din il-prattika tajba, li diġà teżisti f'għadd ta' Stati Membri, għandha tkun estiża għall-Istati Membri kollha li qed jieħdu sehem fin-Netzwerk. Dan se jkollu effett multiplikatur biex titqajjem kuxjenza dwar l-attivitajiet tan-Netzwerk u tiżdied il-viżibbiltà tan-Netzwerk fl-Istati Membri<sup>12</sup>. Inizjattivi bħal dawn mhux biss itejbu l-kooperazzjoni bejn il-membri kollha tan-Netzwerk iżda wkoll bejn l-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jimplementaw b'mod effiċjenti l-istrumenti tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali.

#### **2.1.1 Punti ta' kuntatt u r-riżorsi tagħhom**

<sup>8</sup> <http://bookshop.europa.eu/en/evaluation-of-the-activities-of-the-european-judicial-network-in-civil-and-commercial-matters-pbDS0114824/?CatalogCategoryID=luYKABst3IwAAAEjxJEY4e5L>

<sup>9</sup> Id-Danimarka ma tipparteċipax fin-Netzwerk iżda tista' tieħu sehem bħala osservatur fil-laqgħat tan-Netzwerk tagħha.

<sup>10</sup> Dawn l-istrumenti tal-Unjoni jipprovdu għal awtoritajiet ċentrali: Ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 ("ir-Regolament ta' Brussell IIa"), ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 dwar is-Servizz ta' Dokumenti u r-Regolament (KE) Nru 4/2009 dwar l-Obbligi ta' Manteniment. Ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001 dwar il-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili u kummerċjali jipprovdi għal korpi ċentrali.

<sup>11</sup> L-istudju, p. 35

<sup>12</sup> L-istudju, p. 39

Il-punti ta' kuntatt għandhom rwol ċentrali fil-funzjonament tan-Netwerk. Huma jiżguraw l-operazzjoni ta' kuljum tan-Netwerk bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri iżda wkoll jikkoordinaw ma' membri oħra tan-Netwerk. Fuq medja, l-Istati Membri nnotifikaw ħames punti ta' kuntatt filwaqt li ħafna Stati Membri nnotifikaw tnejn jew tlieta.

L-Istati Membri huma meħtieġa mill-Artikolu 2a tad-Deċiżjoni biex jiżguraw li l-punti ta' kuntatt ikollhom faċilitajiet suffiċjenti u adatti fir-rigward ta' persunal, riżorsi u mezzi moderni ta' komunikazzjoni. Il-konsultazzjonijiet tal-membri tan-Netwerk mill-Kummissjoni fl-2014 wriet li xi Stati Membri ddedikaw ħafna membri tal-persunal għall-punti ta' kuntatt tagħhom, flimkien ma' riżorsi adegwati f'termini ta' komunikazzjoni u preżenza fuq l-internet. Dawn ir-riżorsi huma ta' importanza partikolari, billi huma dejjem aktar il-kompiti assenjati lin-Netwerk sabiex tkun żgurata l-operazzjoni Prattika tal-istrumenti tal-Unjoni f'materji ċivili u kummerċjali. Ir-riżorsi organizzazzjonali għandhom jikkorrispondu mal-importanza li l-punti ta' kuntatt iwettqu b'mod effiċjenti l-kompiti assenjati u l-operazzjonijiet.

Permezz ta' konsultazzjonijiet tan-Netwerk, il-Kummissjoni osservat li kultant, inqalgħu xi diffikultajiet fil-qasam tar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni, inkluż il-ġbir tad-dejta u li l-informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali tkun disponibbli għall-pubbliku. Għalhekk, fit-tweġiq ta' dawn il-kompiti, il-punti ta' kuntatt għandhom ikunu jistgħu jserrħu fuq awtoritajiet oħra għall-appoġġ u l-kondiviżjoni tal-għarfien.

### **2.1.2 L-integrazzjoni tal-professjonijiet legali: żieda fl-involvement**

Element importanti tal-qafas legali aġġornat tan-Netwerk introdott bid-Deċiżjoni 568/2009/KE kien li jiftaħ in-netwerk għal assoċjazzjonijiet tal-professjonijiet legali involuti direttament fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali. Permezz ta' din l-inklużjoni, in-Netwerk għamlet pass sinifikattiv biex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-applikazzjoni xierqa tal-liġi tal-UE jiġu osservati mill-prattikanti kollha involuti fl-implimentazzjoni tagħha. Abbażi tan-notifiki magħmula mill-Istati Membri, minn April 2015, 70 assoċjazzjoni professjonali, b'mod partikolari daww li jirrappreżentaw l-avukati, in-nutara u l-marexxalli, huma membri tan-netwerk. Madanakollu, l-istudju jindika, li l-assoċjazzjonijiet tal-professjonijiet legali xi drabi jħossu li mhumiex involuti biżżejjed<sup>13</sup>. Waqt li ħafna Stati Membri nnotifikaw assoċjazzjonijiet tal-professjonijiet legali bħala membri tan-Netwerk u sistematikament jistidnuhom jipparteċipaw fl-attivitajiet tan-Netwerk, tliet Stati Membri għadhom ma għamlux tali notifika. Għalhekk, huwa importanti li tkun segwita l-prattika tajba ta' ħafna mill-Istati Membri li jinkludu assoċjazzjonijiet tal-professjonijiet legali fil-funzjonament tan-Netwerk.

Id-Deċiżjoni emendata wkoll tagħmel is-sħubija disponibbli għall-professjonisti legali meta dawn jeżerċitaw funzjonijiet ġuridiċi taħt strumenti speċifiċi tal-Unjoni. Din saret partikolarment rilevanti fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 dwar is-Suċċessjonijiet<sup>14</sup>. Professjonisti legali li jipparteċipaw fin-Netwerk f'din il-kapaċità jistgħu jużaw il-funzjonalitajiet kollha tan-Netwerk.

---

<sup>13</sup> L-istudju, p. 33

<sup>14</sup> It-terminu "qorti" skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 ikopri mhux biss il-qrati fil-veru sens tal-kelma, li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji, iżda wkoll in-nutara jew l-uffiċċji tar-reġistru f'xi Stati Membri li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji.

In-Netwerk iżomm relazzjoni ta' ħidma ma' assoċjazzjonijiet u netwerks ta' professjonali fil-livell tal-Unjoni. Id-deċiżjoni ma tipprovdi għas-sħubija tagħhom fin-Netwerk. Madankollu, dawn l-assoċjazzjonijiet huma regolarment mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat, joffru ħarsa lejn il-ħidma tagħhom u jistgħu jikkontribwixxu għal diskussjonijiet sostanzjali meta dan jitqies xieraq.

## 2.2. Il-modus operandi tan-Netwerk

### a) Laqgħat tal-Punti ta' Kuntatt, inklużi l-laqgħat tal-Awtoritajiet Ċentrali

Skont id-Deċiżjoni tat-twaqqif tiegħu, il-laqgħat urew li huma essenzjali sabiex in-Netwerk jiskambja l-prattiki tajbin u l-esperjenzi, jiidentifika n-nuqqasijiet possibbli u jiżviluppa fehim komuni dwar l-applikazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni<sup>15</sup>. Huma wkoll fattur ewlieni sabiex in-Netwerk isolvi talbiet pendenti jew problemi bejn l-awtoritajiet u jieħu deċiżjonijiet maqbula komunament fin-Netwerk<sup>16</sup>. Il-laqgħat huma partikolarment utli biex jimmonitorjaw u jevalwaw l-implimentazzjoni effettiva tal-istrumenti tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni għidizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali. Huma għandhom ukoll funzjoni importanti fil-bini tal-fiduċja bejn l-atturi differenti involuti u jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tajba tal-liġi tal-Unjoni. Id-Deċiżjoni tistipula minimu ta' laqgħa waħda tal-punti ta' kuntatt li għandha ssir mill-inqas darba kull sitt xhur. Matul il-perjodu ta' bejn l-2009 u l-2015, il-Kummissjoni organizzat 38 laqgħa. Il-laqgħat tal-punti ta' kuntatt huma ddedikati għal strument partikolari tal-Unjoni, sabiex tiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ffukata tal-ispeċjalisti tal-Istati Membri.

Minbarra laqgħat regolari bejn il-Punti ta' Kuntatt, issir laqgħa annwali li tinkludi l-membri kollha tan-netwerk li fiha huma diskussi varjetà wiesgħa ta' suġġetti rilevanti għall-membri tan-netwerk. Jiġu organizzati laqgħat speċifiċi mill-inqas darba fis-sena għal Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 ("ir-Regolament Brussell IIA") u skont ir-Regolament (KE) Nru 4/2009 dwar l-Obbligi ta' Manteniment.

### b) Il-laqgħat bilaterali

Flimkien ma' dawn il-laqgħat regolari, jiġu organizzati laqgħat bilaterali bejn l-awtoritajiet li jittrattaw il-każijiet u l-awtoritajiet involuti taħt il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni previsti kemm fir-Regolament Brussell IIA u wkoll fir-Regolament dwar l-Obbligi ta' Manteniment. L-oġġettiv ta' dawn il-laqgħat huwa li jiġi ffaċilitat it-trattament tal-każijiet transfruntieri individwali pendenti li għalihom jeħtieġ li jinstabu soluzzjonijiet permezz ta' kuntatti bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Dawn il-każijiet ħafna drabi jinvolvu kwistjonijiet sensittivi bħal kwistjonijiet ta' sekwestru ta' minuri jew talbiet dwar l-Obbligi ta' Manteniment. Il-Kummissjoni tiffaċilita dawn il-laqgħat f'ambitu kunfidenzjali biex tippermetti soluzzjonijiet effiċjenti ta' każijiet individwali pendenti bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Dawn il-kuntatti diretti huma mezzi utli u prattiċi ta' kooperazzjoni u ta' tisħiħ tal-fiduċja reċiproka<sup>17</sup>. Matul il-perjodu mill-2010 sal-2014, ġew organizzati 204 laqgħat individwali skont ir-

<sup>15</sup> Titolu II tad-Deċiżjoni

<sup>16</sup> L-istudju, p. 45, 46.

<sup>17</sup> L-istudju, p. 47.

Regolament Brussell IIa u matul il-perjodu mill-2013 sal-2015, ġew organizzati 107 tali laqgħat skont ir-Regolament dwar l-Obbligi ta' Manteniment.

c) Gruppi ta' ħidma

In-Netzwerk għandu jwaqqaf gruppi ta' ħidma dwar suġġetti speċifiċi li għandhom il-funzjoni ta' appoġġ essenzjali. Dawn il-gruppi ta' ħidma huma regolament maħluqa b'mod *ad hoc* fuq talba tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni. Parteċipazzjoni fil-gruppi ta' ħidma hija miftuħa lill-membri kollha tan-Netzwerk f'koordinazzjoni mal-punti ta' kuntatt nazzjonali tagħhom. Il-gruppi ta' ħidma jipproponu, iħejju jew jimplementaw azzjonijiet konkreti fin-Netzwerk. Il-presidenza ta' grupp ta' ħidma normalment hija żgurata permezz ta' punt ta' kuntatt nazzjonali jew membru ieħor tan-Netzwerk.

Fil-perjodu mill-2009 sal-2015, ġew stabbiliti ħdax-il grupp ta' ħidma dwar:

• dejta statistika ta' Brussell IIa	• formoli ta' arretrati tal-manteniment	• gwida dwar l-Annessi VI u VII tar-Regolament dwar l-Obbligi ta' Manteniment
• Medjazzjoni tal-familja	• Gwida Prattika għal talbiet żgħar	• Gwida Prattika tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea
• Riformulazzjoni ta' Brussell I - nota skont l-Artikolu 26(2)	• Gwida ta' Prattika dwar il-ġurisdizzjoni u d-dritt applikabbli fit-tilwim internazzjonali bejn impjegat u impjegatur	• Il-Viżibilità tan-Netzwerk
• Gwida għaċ-ċittadini dwar ir-Regolament dwar is-Suċċessjonijiet	• Skambju ta' informazzjoni dwar l-aċċess għal-liġi barranija skont ir-Regolament dwar is-Suċċessjonijiet	

d) It-trattament tal-każijiet u l-ipproċessar ta' talbiet mill-punti tal-kuntatt

Wieħed mill-iktar inkarigi fundamentali tan-Netzwerk huwa li jiffaċilita l-kuntatti diretti bejn l-awtoritajiet responsabbli mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għat-trattament tal-każijiet u jippermetti approċċ skont il-każ fl-implimentazzjoni tal-istrumenti rilevanti tal-Unjoni. Id-dejta miġbura permezz ta' konsultazzjonijiet tan-Netzwerk wriet stampa mħallta, għalkemm mhux kompluta, li tindika varjazzjoni kbira fl-użu tan-Netzwerk għal dan l-għan. Dan jipprovdi indikazzjoni li għandu jsir użu aħjar ta' dan l-aspett tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni tan-Netzwerk.

e) Għodod u metodi ta' komunikazzjoni elettronika fin-Netzwerk

In-Netzwerk bħalissa juża l-intranet CIRCA pprovdut mill-Kummissjoni għall-istazzjonar ta' dokumenti, b'mod partikolari l-lista tal-membri tan-Netzwerk u d-dokumenti tal-laqgħa. Madankollu, ma teżistix sistema elettronika biex tittratta t-talbiet bejn l-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni tipprevedi l-użu ta' reġistru elettroniku sigur u b'aċċess limitat ibbażat fuq informazzjoni mogħtija mill-punti ta' kuntatt<sup>18</sup>. Sistema preċedenti li ġiet stabbilita għal dan l-għan kienet meqjusa li hija wisq ta' piż fl-applikazzjoni ta' kuljum tagħha u ġiet abbandunata. Għalhekk, għad hemm il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni effiċjenti tal-ġestjoni tal-kawżi bejn il-punti ta' kuntatt. F'dan il-kuntest, għodda ta' komunikazzjoni elettronika li tippermetti reġistrazzjoni awtomatika tat-talbiet tipprovdi benefiċċji billi telimina l-piżijiet burokratiċi u

<sup>18</sup> L-Artikolu 8(3) tad-Deċiżjoni.

tiffaċilita l-ġbir ta' dejta statistika, kif ukoll bit-titjib tal-użu ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni tan-Netwerk kif imsemmi fil-punt d.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni beħsiebha tivvaluta l-implikazzjonijiet finanzjarji u tekniċi tad-dħul fis-seħħ għodda jew l-adattament ta' għodda eżistenti biex jissodisfaw l-għanijiet imsemmija hawn fuq li jistgħu jiġu aċċessati mis-sezzjoni tan-netwerk fil-Portal Ewropew elettroniku tal-Ġustizzja. Tista' tittieħed ispirazzjoni mis-Suq Uniku li fih tali kooperazzjoni hija ffaċilitata permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) mill-2008<sup>19</sup>.

### **3. L-EVALWAZZJONI TA' STRUMENTI EŻISTENTI - ĠBIR TA' DEJTA**

Waħda mill-funzjonijiet ewlenin tan-netwerk huwa li jimmonitorja l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni fis-seħħ. F'dan il-kuntest, il-ġbir ta' dejta statistika għadu mhux f'livell sodisfaċenti. Il-ġbir ta' dejta statistika u evidenza huwa indispensabbli għall-evalwazzjoni xierqa tal-funzjonament tal-istrumenti tal-Unjoni f'materji ċivili u kummerċjali li diġa huma fis-seħħ, bħala element importanti biex tkun żgurata l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar skont il-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2015 *Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar - Aġenda tal-UE*<sup>20</sup>. Skont il-Linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar<sup>21</sup>, jeħtieġ li jiġi determinat liema evidenza tista' tinġabar u minn min u f'liema mument għandha tinġabar tali evidenza.

Għandu jsir sforz komuni mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex ikun identifikat x'għandu jitqies bħala dejta essenzjali għal kull strument tal-Unjoni f'materji ċivili u kummerċjali. Abbażi ta' dan, qafas ta' ġbir ta' dejta statistika għandu jiġi stabbiliti mill-Istati Membri, li jkun jinkludi l-ġbir ta' dejta essenzjali għal kull strument tal-Unjoni. Konsultazzjonijiet ma' Eurostat jistgħu jottimizzaw il-metodi, l-standards u d-definizzjonijiet għall-ġbir ta' dejta fin-netwerk, f'kooperazzjoni sħiħa mal-punti ta' kuntatt u mal-awtoritajiet ċentrali li jaġixxu fin-netwerk. B'mod parallel, l-Istati Membri għandhom jadattaw is-sistemi tagħhom tal-ġbir tad-dejta fi qrati u awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi oħrajn.

## **4. L-IFFAĊILITAR TAL-AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA**

### **4.1 L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Ġustizzja elettronika Ewropea**

Sa mill-bidu nett tal-operat tagħha, kienet funzjoni ewlenija tan-Netwerk<sup>22</sup> li twaqqaf sistema ta' informazzjoni onlajn għall-pubbliku dwar l-istrumenti tal-Unjoni, miżuri nazzjonali għall-implimentazzjoni tagħhom, id-dritt nazzjonali, l-istrumenti internazzjonali u dwar il-każistika rilevanti mill-Qorti tal-Ġustizzja. Abbażi ta' dan, in-Netwerk illum jikkontribwixxi ħafna għall-iżvilupp ulterjuri tal-Ġustizzja elettronika. Dan kien rikonoxxut fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew Pluriennali dwar il-Ġustizzja elettronika 2014-2018 tal-Kunsill<sup>23</sup>.

<sup>19</sup> Is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern hija sistema ta' komunikazzjoni elettronika f'isla differenti fuq l-internet li daħlet fis-seħħ bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

<sup>20</sup> COM(2015) 215 finali

<sup>21</sup> SWD(2015) 111 final, p. 43

<sup>22</sup> L-Artikoli minn 14 sa 18 tad-Deċiżjoni.

<sup>23</sup> ĠU C 182, 14.6.2014, p. 2

Il-migrazzjoni tas-sit elettroniku tan-Netwerk għall-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika għandu jiġi ffinalizzat fl-2016. Biex itejbu l-viżibbiltà tan-netwerk fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika u biex il-kontenut ipprovdut min-Netwerk issir aktar aċċessibbli, qed tkun żviluppata taqsima speċifika għan-Netwerk fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika. Il-paġni ta' din it-Taqsima għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar bil-logo tan-Netwerk. Dawn il-funzjonalitajiet għandhom ikunu kompletament interkonnessi ma' għodod oħra rilevanti għall-prattikanti bħall-Atlas Ġudizzjarju f'Materji Ċivili, il-bażi tad-dejta futura tal-qorti jew il-formoli dinamiċi marbuta mal-istrumenti leġiżlattivi tal-UE disponibbli fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika.

L-informazzjoni pprovduta min-Netwerk tinkludi skedi informattivi li jittrattaw kwistjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja fl-Istati Membri. Dawn l-iskedi informattivi jipprovdu informazzjoni dwar id-dritt nazzjonali u l-proċeduri. Attenzjoni partikolari qed tingħata lil kwistjonijiet marbuta mal-aċċess għall-ġustizzja u Mal-aċċess għal-liġi barranija.

Bħalissa, in-Netwerk għandu 10 695 paġna ta' skedi informattivi dwar il-liġi nazzjonali, li għas-sena 2014 iġġeneraw total ta' 359 184 żjara tal-paġna (rata medja ta' 29 932 żjara kull xahar). Dan żdied b'mod sinifikanti fl-2015 b'total ta' 2 994 122 żjara tal-paġna (rata medja ta' 249 510 kull xahar) wara li saru disponibbli skedi informattivi dwar is-suċċessjoni, il-medjazzjoni tal-familja, il-liġi applikabbli u t-talbiet għal manteniment u probabbilment minħabba l-kampanja ta' komunikazzjoni speċifika mill-Kummissjoni wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 dwar is-Suċċessjonijiet mis-17 ta' Awwissu 2015.

Il-kontenut ta' dawn il-paġni dwar liġijiet u proċeduri nazzjonali huwa mfassal fuq livell nazzjonali, ivverifikat u aġġornat b'mod regolari mill-manigġers tal-kontenut tal-Ġustizzja elettronika tan-Netwerk.

Bħalissa hemm skedi informattivi disponibbli dwar is-suġġetti li ġejjin:

• <b>Ġurisdizzjoni</b>	• Tressaq każ il-qorti	• Ordni għal proċeduri għall-ħlas
• Talbiet żgħar	• Divorzju	• Proċeduri għall-infurzar ta' sentenza
• Ġbir ta' provi	• Miżuri proviżorji u kawtelatorji	• Termini perentorji proċedurali
• Użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni fi proċedimenti ġudizzjarji	• Tneħħija legali ta' dritt ta' kustodja ta' wild	• Talbiet għal manteniment
• Responsabbiltà tal-ġenituri	• Insolvenza	• Suċċessjonijiet
• Medjazzjoni tal-familja	• Servizz ta' dokumenti	• Liġi Applikabbli

Għaddejja ħidma biex jitħejjew skedi informattivi dwar tliet suġġetti addizzjonali, jiġifieri l-imgħax statutorju, teħid ta' evidenza u l-istrutturi nazzjonali tan-Netwerk. Rigward skedi informattivi, l-aġġornament regolari tagħhom, l-affidabbiltà u l-akkuratezza lingwistika għandha tiġi żgurata permezz ta' għodod ta' monitoraġġ li ġew stabbiliti permezz tal-portal tal-Ġustizzja elettronika Ewropea fis-sistema ta' ġestjoni tal-kontenut.

Qasam ieħor fejn in-Netwerk jista' jipprovdi appoġġ utli għall-awtoritajiet nazzjonali huwa l-koordinazzjoni u l-organizzazzjoni ta' vidjokonferenzjar transfruntieri bejn il-qrati.

#### 4.2. Gwidi dwar strumenti tal-liġi tal-Unjoni



Sabiex tissaħħaħ l-applikazzjoni effiċjenti ta' strumenti tal-Unjoni, in-Netwerk ipproduċa gwidi taċ-ċittadini u tal-prattikanti, bl-għan li jippromwovu applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni f'materji ċivili u kummerċjali mill-qrati u minn operaturi oħrajn fil-qasam tal-ġustizzja. Dawn il-gwidi huma mmirati jew lejn iċ-ċittadini jew li l-qrati u l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja.

Fil-perjodu 2009-2014, kienu prodotti l-gwidi segwenti:

Gwidi għaċ-ċittadini	Gwidi għall-prattikanti
• Litigazzjoni Ċivili Transfruntiera fl-Unjoni Ewropea	• Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili fl-Unjoni Ewropea
• Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar	• Applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIa
	• Applikazzjoni tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar
	• Applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Ordni ta' Ħlas Ewropea
	• Applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Ordni Ewropea ta' Infurzar

Il-pubblikazzjonijiet huma disponibbli onlajn fi 23 lingwa fuq il-portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika<sup>24</sup> u fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea ta' DG Ġustizzja u Konsumaturi jew mis-sit EU Bookshop. Skont ir-riżultati tal-istudju, il-pubblikazzjonijiet tan-Netwerk kienu kklassifikati pożittivament minn dawk li wiegħbu. Kważi 70 % minnhom indikaw li l-linji gwidi tal-prattikanti jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tagħhom. Waqt li 60 % ħassew li l-ħtiġijiet tagħhom huma ssodisfati mill-iskedi informattivi<sup>25</sup>.

Madankollu, promozzjoni aħjar ta' dawn il-gwidi tkun vallapena, pereżempju, f'avvenimenti għall-prattikanti, bħal avvenimenti ta' taħriġ. Fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika, l-aċċessibilità tagħhom għandha tiġi ffaċilitata, u l-websajts kollha tal-istituzzjonijiet li għalihom jappartjenu l-membri tan-Netwerk għandhom jistabbilixxu ħoloq għall-gwidi.

### 4.3. Għodod oħra ta' Prattika

In-Netwerk jinvolti ruħu fi produzzjoni addizzjonali ta' għodod prattiċi. Dawn huma żviluppati fuq l-inizjattiva ta' punti ta' kuntatt b'rispons għal ħtiġijiet speċifiċi identifikati wara esperjenza fl-applikazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni fl-oqsma ċivili u kummerċjali.

Fil-perjodu 2009-2014, kienu segwiti it-tali inizzjattivi segwenti:

Ghodka	Funzjonijiet
Ġabra ta' statistika skont ir-Regolament Brussell IIa	Mekkaniżmu ta' evalwazzjoni skont ir-Regolament Brussell IIa
Formola dwar il-kalkolu mhux obligatorju dwar arretrati ta' manteniment	Tiffaċilita l-kalkolazzjoni ta' arretrati ta' manteniment;
Gwida dwar il-forom ta' manteniment	Tiffaċilita l-mili ta' formoli skont ir-Regolament dwar l-Obbligi ta' Manteniment;
Nota mhux obligatorji dwar l-Artikolu 26(2) tar-Regolament Brussell I (riformulazzjoni)	Test standard mhux obligatorju għall-qrati biex jinfurmaw liċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jikkontestaw il-ġurisdizzjoni tal-qorti;

<sup>24</sup> Il-pubblikazzjonijiet tan-netwerk huma disponibbli fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika: [https://e-justice.europa.eu/content\\_ejn\\_s\\_publications-287-mt.do?init=true](https://e-justice.europa.eu/content_ejn_s_publications-287-mt.do?init=true)

<sup>25</sup> L-istudju, p. 51.

## 5. VIŻIBILITÀ TAN-NETWERK

### 5.1. Viżibilità fost l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja u ċ-ċittadini

In-Netwerk jista' jkun ta' suċċess biss fit-twettiq tal-potenzjal tiegħu jekk l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja jkunu jafu bl-eżistenza tiegħu u bl-għodod li joffri. Għalhekk, jeħtieġ li jittieħdu passi fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali biex tiżdied il-viżibbiltà tan-Netwerk b'mod ġenerali.

Il-livell ta' viżibbiltà tan-netwerk tiddependi l-aktar fuq l-istrutturi nazzjonali f'kull Stat Membru. Jista' jiġi osservat li f'dawk l-Istati Membri fejn jeżisti netwerk nazzjonali formali, il-fluss tal-informazzjoni bejn il-partijiet kkonċernati kollha jidher li jaħdem aħjar li għandu effetti fuq viżibbiltà akbar tan-netwerk.

Fil-laqgħa annwali tiegħu fi Frar 2015, in-Netwerk qabel li jagħti prijorità liż-żieda fil-viżibbiltà tan-netwerk mhux biss fost l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja iżda wkoll fost iċ-ċittadini. L-azzjonijiet għandhom ikunu marbuta mat-titjib fil-viżibbiltà tan-Netwerk fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika, li jżid il-preżenza tiegħu fuq siti web nazzjonali, fil-midja soċjali u fil-qrati u fost il-professjonijiet legali permezz ta' materjal stampat u onlajn. Fi Frar 2015, hashtag Twitter #EJNcivil ġie stabbilit mill-Kummissjoni li intużat biex jinxterdu r-risultati miksuba min-Netwerk. Barra minn hekk, in-Netwerk dejjem kellu rwol ċentrali fil-promozzjoni tal-Jum Ewropew tal-Ġustizzja u l-Istati Membri għandhom jużawh bħala forum biex jinbdew attivitajiet transfruntieri.

F'dan il-kuntest, il-funzjonament trasparenti tan-Netwerk huwa importanti wkoll. L-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku dwar l-aġendi ta' laqgħat u s-sommarji ta' risultati tal-laqgħa għandhom ikunu ta' benefiċċju għan-Netwerk u dawk li jixtiequ jagħmlu użu minnu. Għandu jiġi nnutat, li l-funzjonijiet tan-Netwerk skont il-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, li jagħmel disponibbli d-dokumenti tiegħu skont dawn id-dispożizzjonijiet.

### 5.2. Kuntatti ma' networks oħra

Sinerġiji ma' networks oħra u organizzazzjonijiet intergovernattivi li jikkondividu l-oġettivi tiegħu jgħinu lin-Netwerk biex iwettaq il-funzjonijiet u l-kompiti prinċipali tiegħu skont id-Deċiżjoni u huma previsti fl-Artikolu 12a(1) tad-Deċiżjoni.

F'dan ir-rigward, in-Netwerk jikkopera man-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (f'materji kriminali)<sup>26</sup>, in-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN - European Judicial Training Network)<sup>27</sup> u in-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net - European Consumer Centres Network)<sup>28</sup>. B'mod partikolari, in-Netwerk jikkopera mill-qrib mal-EJTN fl-inizjattivi tiegħu dwar taħriġ ġudizzjarju fuq l-istrumenti tal-UE fil-qasam tal-liġi ċivili u kummerċjali. Din il-kooperazzjoni sservi biex jikkondividu l-għarfien espert u biex permezz tan-Netwerk jiġu identifikati kwistjonijiet speċifiċi li dwarhom jista' jiġi offrut taħriġ ġudizzjarju mill-EJTN.

<sup>26</sup> <http://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/>

<sup>27</sup> <http://www.ejtn.eu>

<sup>28</sup> [http://ec.europa.eu/consumers/solving\\_consumer\\_disputes/non-judicial\\_redress/ecc-net/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/consumers/solving_consumer_disputes/non-judicial_redress/ecc-net/index_en.htm)

Fl-aħħarnet, il-kuntatti ma' networks oħra, bħal Pariri tal-Ewropa Tiegħek<sup>29</sup> u SOLVIT għandhom jiġu żviluppatti aktar. Dawn in-networks għandhom ikunu mistiedna meta fil-laqgħat ikunu diskussi suġġetti li dwarhom jistgħu jikkontribwixxu.

## 6. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

In-Netzwerk ipprova appoġġ sostanzjali għal kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva bejn l-Istati Membri f'materji ċivili u kummerċjali u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-membri tiegħu hija parti integrali mill-implimentazzjoni ta' kuljum tal-*acquis* tal-Unjoni fi kwistjonijiet ta' ġustizzja ċivili. Barra minn hekk, emendi għad-Deċiżjoni introdotta fl-2009 ikkontribwixxew għal żvilupp pożittiv tan-Netzwerk. In-Netzwerk wera li jaħdem b'mod effettiv minkejja li fil-qafas legali eżistenti jista' jsir titjib fl-operazzjonijiet tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li ma hemmx għalfejn id-Deċiżjoni tiġi emendata.

Madankollu, abbażi tal-inizjattivi li diġà għaddejjin, għad hemm oqsma fejn in-Netzwerk għandu jiżviluppa aktar l-kapaċitajiet tiegħu biex jissodisfa r-responsabbiltà tiegħu li jiżgura l-applikazzjoni bla xkiel tal-istrumenti tal-Unjoni ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali. Il-Kummissjoni identifikat seba' punti ewlenin għal aktar azzjoni għat-titjib tal-funzjonament tan-Netzwerk:

- (1) F'konformità ma' din id-Deċiżjoni u skont l-aħjar prattiki f'ċerti Stati Membri, il-punti ta' kuntatt kollha għandhom jingħataw ir-riżorsi meħtieġa u appoġġ fil-livell nazzjonali, sabiex ikunu jistgħu effettivament jiffaċċjaw il-kompiti dejjem jiżdiedu li għandhom;
- (2) Waqt li jibnu fuq l-aqwa prassi f'għadd ta' Stati Membri, in-networks għandhom jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri kollha, li jlaqqgħu flimkien lill-membri tan-networks nazzjonali, biex b'hekk tkun żgurata interazzjoni f'livell nazzjonali kif ukoll il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-ġbir tal-informazzjoni;
- (3) Għandha tkun żgurata integrazzjoni aktar b'saħħitha ta' mħallfin u awtoritajiet ġudizzjarji oħrajn kif ukoll tal-professjonisti legali fl-attivitajiet kollha tan-Netzwerk;
- (4) Sinerġji ma' networks Ewropej oħra li jfittxu li jilhqgħu għanijiet simili għandhom ikunu estiżi;
- (5) Għandha tinkiseb aktar viżibbiltà tan-Netzwerk, b'mod partikolari, abbażi tal-ħidma li għaddejja biex issaħħaħ il-preżenza tagħha u permezz ta' taqsimha ddedikata fil-portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika kif ukoll biex issaħħaħ il-preżenza tan-Netzwerk fuq is-siti web nazzjonali tal-istituzzjonijiet li għalihom jappartjenu l-membri tan-Netzwerk u billi tixxerred informazzjoni permezz tal-midja soċjali u kanali ta' komunikazzjoni oħrajn;
- (6) Ir-rwol tan-Netzwerk fl-evalwazzjoni sħiħa tal-istrumenti eżistenti għandu jiġi żviluppatt aktar permezz tal-identifikazzjoni u l-ġbir ta' dejta statistika ewlenija bbażata fuq mekkaniżmi nazzjonali għall-ġbir tad-dejta;

---

<sup>29</sup> <http://europa.eu/youreurope/advice>

(7) Il-Kummissjoni beħsiebha tivvaluta l-implikazzjonijiet finanzjarji u tekniċi għaddħul fis-seħħ ta' għodda jew l-adattament ta' għodda eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni elettronika għal komunikazzjoni sigura u r-reġistrazzjoni li għandha tintuża mill-punti ta' kuntatt;

F'konformità mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Aġenda tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020, u l-linji gwida strateġiċi tal-Kunsill Ewropew tas-26/27 ta' Ġunju 2014, u skont l-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni, ir-rapport li jmiss se jibni fuq is-sejbiet eżistenti u se jipprovdi evalwazzjoni sħiħa tal-impatt tal-attivitajiet tan-Netzwerk.